**TRIBUNAL GĦAT-TALBIET TAL-KONSUMATUR**

MALTA

**CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL**

CCT/22/11/S

Emanuel Grech

Vs

Adam Wiffen u Jeffrey Axiaq

Illum 16 ta' Frar, 2012.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Emanuel Grech filwaqt li l-intimati Adam Wiffen u Jeffrey Axiaq għalkemm debitament notifikati, baqgħu ma dehrux u lanqas wieġbu għat-talba rikorrenti;

Ra d-dokumenti ppreżentati, sema' lir-rikorrent u t-trattazzjoni tiegħu fis-27 ta' Jannar, 2012;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda xogħol, allegatament ħażin, ta' tqegħid ta' 'membrane' imqiegħed minn Adam Wiffen u Jeffrey Axiaq eżerċenti l-kummerċ bħala J&A Liquid Membrane fuq il-bejt tar-residenza tar-rikorrent Emanuel Grech;

Illi t-talba tar-rikorrent ma ġietx kuntradetta bl-ebda mod mill-intimati;

Illi dan it-Tribunal għandu quddiemu biss il-verżjoni tar-rikorrent li flimkien mad-dokumenti ppreżentati, partikolarment tar-ritratti u taċ-ċertifikat peritali, jikkonfermaw li l-intimati ma wettqux xogħol sew kif inkarikati u lanqas offrew soluzzjoni serja għall-ilment tar-rikorrent u wisq inqas, irrifondew l-flus imħallsa mir-rikorrent;

Illi din il-pendenza ħolqot inkonvenjenza lir-rikorrent li ilu daż-żmien kollu li ħareġ il-flus mingħajr ma ħa dak minnu ordnat u lanqas ħa xogħol sew kif jidher ċar mir-ritratti esebiti;

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq spjegati, wara li ra l-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta u fiċ-ċirkostanzi tal-każ, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeċiedi billi Jordna lill-intimati Adam Wiffen u Jeffrey Axiaq, solidalment flimkien, jirrifondu lir-rikorrent Emanuel Grech is-somma ta' €625 u bl-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri jigu sopportati unikament mill-intimati Adam Wiffen u Jeffrey Axiaq.

Richard Sladden Av.
Arbitru

47A, TRIQ NOFS IN-NHAR, VALLETTA VLT 1101 - MALTA
TEL.(+356) 21227070, FAX: (+356) 21239888